31972L0274

29.7.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 171/37

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-20 ta' Lulju 1972

li temenda d-Direttivi ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-patata taż-żrigħ, id-Direttiva tat-30 Ġunju 1969 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra u d-Direttivi tad-29 Settembru 1970 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-ħaxix u dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi agrikoli

(72/274/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali,

Billi huwa xieraq, għar-raġunijiet elenkati hawn taħt, li jiġu emendati ċerti disposizzjonijiet tad-Direttivi tal-Kunsill ta' l-14 Ġunju 1966, kif l-aħħar emendati bid-Direttiva tat-30 Marzu 1971 ([1]), dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pitravi ([2]), dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ([3]), dwar il-kummerċ taż-żerriegħa taċ-ċereali ([4]) u dwar il-kummerċ tal-patata taż-żrigħ ([5]), id-Direttiva tal-Kunsill tat-30 Ġunju 1969 ([6]) dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra, kif emendata bid-Direttiva tat-30 Marzu 1971, u d-Direttiva tal-Kunsill tad-29 Settembru 1970 ([7]) dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-ħaxix, kif emendata bid-Direttiva tat-30 Marzu 1971, u d-Direttiva tal-Kunsill tad-29 Settembru 1970 ([8]) dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi agrikoli;

Billi bosta mid-Direttivi fuq imsemmija jipprovdu li mill-1 Lulju 1972, l-ekwivalenza ta' żerriegħa u xtieli żgħar maħsuda f'pajjiżi terzi ma tistax tkun aktar determinata mill-Istati Membri individwalment; billi, peress illi ma kienx possibbli fil-każi kollha li jitlestew l-eżamijiet li għandhom x'jaqsmu mad-determinazzjoni tal-Komunità dwar l-ekwivalenza, il-limitu ta' żmien imsemmi hawn fuq għandu jkun estiż sabiex ikun evitat taħwid firr-relazzjonijiet preżenti tal-kummerċ;

Billi d-Direttivi dwar il-kummerċ taż-żerriegħa u x-xtieli żgħar japprovaw biss prodotti li joriġinaw mill-Istati Membri u li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dawk id-Direttivi jew tal-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi terzi u huma magħrufa bħala ekwivalenti għall-prodotti tal-Komunità;

Billi għandu jkun possibbli wkoll li jkun hemm kummerċ fil-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li dħlin fil-Komunità iżda li ma jdaħħlux dawk id-Direttivi fis-seħħ immedjatament malli jidħlu, billi huwa għalhekk meħtieġ li jsiru provvedimenti xierqa;

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-data ta' l-1 Lulju 1973 għandha tkun sostitwita minflok id-data ta' l-1 Lulju 1972 fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pitravi, fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva tal-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa taċ-ċereali u fit-tieni sentenza ta' l-Artikolu 15 (2) tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ tal-patata taż-żrigħ.

([1]) ĠU Nru L 87, 17.4.1971, p. 24.
([2]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2290/66.
([3]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2298/66.
([4]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2309/66.
([5]) ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2320/66.
([6]) ĠU Nru L 169, 10.7.1969, p. 3.
([7]) ĠU Nru L 225, 12.10.1970, p. 7.
([8]) ĠU Nru L 225, 12.10.1970, p. 1.

Artikolu 2

Il-paragrafu segwenti għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 16 tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pitravi, l-Artikolu 16 tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, l-Artikolu 16 tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħ taċ-ċereali, l-Article 15 tad-Direttiva ta' l-14 Ġunju 1966 dwar il-kummerċ ta' patata taż-żrigħ, l-Artikolu 15 tad-Direttiva tat-30 Ġunju 1969 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-pjanti taż-żejt u tal-fibra, l-Artikolu 32 tad-Direttiva tad-29 Settembru 1970 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-ħaxix u l-Artikolu 21 tad-Direttiva tad-29 Settembru 1970 dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi agrikoli:

"3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw ukoll fir-rigward ta' kull Stat Membru ġdid mid-data tad-dħul tiegħu sad-data li fiha huwa jdaħħal fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva."

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma':

(a) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1, b'effett mill-1 Lulju 1972,

(b) id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 2, mhux aktar tard mill-1 Jannar 1973.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 20 Lulju 1972.

Għall-Kunsill

Il-President

T. WESTERTERP